MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 343/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Alfred Scicluna**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Scicluna ta' 34 sena iben Maurice u Maria nee' Bartolo mwieled Attard fis-27 ta' Lulju 1970 u residenti 37 Catalonia Flats, Triq il-Brolli l/o B'Bugia, ID 446170M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' April 2005 u fl-erba' snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet**

**tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli minghajr l-awtorita legittima, dahhal jew prova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, medicina (eroina) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjoni u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap 260, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 2921939 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh izda flok tikkundannah, stante li ghamel ammissjoni bikrija, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.**

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li kienu inkorsi fl-inkjesta li saret wara is-16 ta' Jannar 2006 u li dawn jidhru li jammontaw ghal 273.12 Euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------